**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 8 t' Awissu, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Sandra Farrugia Mamo)**

**-vs-**

**Isabelle Abela, detentriċi tal-Karta ta' l-Identita` 343979M**

**Kumpilazzjoni 762/1999**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Isabelle Abela u ċioè talli:

F'dawn il-Gżejjer, matul dawn l-aħħar snin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Għamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffurmati, inkella billi żiedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw u ċjoè invoices booking orders tal-kumpanija The People u aktar talli xjentement

għamlet użu minn att, kitba  jew skrittura falza msemmija hawn fuq u dan bi ksur tal-art 183 u art 184 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. b'mezzi kontra l-Liġi, jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex ġgiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamlet qligħ b'qerq li jammont ta' aktar minn LM300 għad-dannu ta' The People u persuni oħra bil-ksur tal-artikolu 308 u 309 u 310 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Ikkunsidrat
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-1999 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-23 ta' Jannar, 2017.

Illi ghalkemm fil-kors tal-proceduri istitwiti fl-1999 kienu ngabbru l-proceduri din il-Qorti rat li meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, ma kienx ghad hemm il-kunsens bil-miktub tal-Avukat Generali sabiex il-kaz tal-imputata jigi ittrattat bil-procedura sommarja ai termini tal-artikolu 370(4)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk kien mehtieg li l-proceduri jinbdew mill-gdid.[1]

Illi din il-Qorti, kif hija obbligata mill-ligi stess, billi tali eccezzjoni hija sollevabbli *ex officio*, qeghda tiddikjara l-azzjoni kriminali fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha bhala preskritti.

Ghal dawn il-mottivi dawn il-proceduri qed jigu dikjarati bhala estinti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Victor Buttigieg**, Deciza per Onor. Imhallef Dr. J. Galea Debono 19.05.2005